**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Alfred Azzopardi**

**Teresa Cuschieri**

Illum 21 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta':

Alfred Azzopardi ta' 60 sena detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 229950(M); u

Teresa Cuschieri ta' 41 sena, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 450667(M)

Akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu 2010 u fis-sitt xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnhom ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Biex jissodisfaw iz-ziena ta' haddiehor gieghelu bil-vjolenza jew hajjru b'qerq, lil Madeline Cuschieri ghall-prostituzzjoni;
2. Xjentement ghexu, ghal kollox jew f'parti minn fuq qligh tal-prostituzzjoni ta' Madeline Cuschieri.

3. Talli hebbew bil-fomm lil Madeline Cuschieri u persuni ohra.
4. Talli uzaw vjolenza sabiex igeghlu lil Madeline Cuschieri taghmel, thalli jsir jew tonqos milli taghmel xi haga.
5. Talli minghajr hsieb li joqtlu jew li jqeghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' binthom Madeline Cuschieri.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-imsemmija Madeline Cuschieri, minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba tipprovdi ghas-sigurta ta' Madeline Cuschieri ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli l-istess Teresa Cuschieri kkommettiet reat waqt li kienet taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr A. Mizzi LL.D nhar is-6 ta' Novembru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permez taghha baghat lill-imputati biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Fil-konfront ta' Teresa Cuschieri taht dawk li hemm mahsub:

a) Fl-artikolu 205(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-Artikolu 221(1)(3)(a)(4) b'applikazzjoni tal-Artikolu 222(1)(a) b'riferenza ghall-Artikolu 202(h)(iii)(v)(vii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-Artikolu 251(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-Artikolu 28A sa 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta relattivament ghal dak misjub fl-Artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g) Fl-Artikoli 17, 23, 31, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Alfred Azzopardi taht dawk li hemm mahsub:

a) Fl-artikolu 205(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-Artikolu 221(1)(3)(a)(4) b'applikazzjoni tal-Artikolu 222(1)(a) b'riferenza ghall-Artikolu 202(h)(iii)(v)(vii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Fl-Artikolu 251(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-Artikoli 17, 23, 31, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat ukoll illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014, id-difiza iddikjarat illi kienet qieghda tezenta lil din il-Qorti kif preseduta, milli tisma' x-xhieda diga' mismugha mill-gdid sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**Madeline Cuschieri** xehdet fis-17 ta' Mejju tas-sena 2010[1] fejn hija qalet li ghandha l-eta` ta' ghoxrin (20) sena, tirrisjedi l-Furjana u li l-ġenituri taghha huma l-imputati. Fir-rigward tar-residenza precedenti hija spjegat li inizjalment kienet tghix il-*Creche,* sussegwentement marret tirrisjedi gewwa *Saint Rita Home,* Hal-Tarxien, imbghad *Tal-Fejda* u wara ma' tlett tfajliet gewwa appartament. Kif kienet gharusa lil certu Jeffrey hija marret tghix flimkien mieghu u mal-genituri tieghu gewwa appartament mikri f'Bugibba izda kif kellhom xi jghidu hija tkellmet mas-*Social Worke*r, certu Tiziana li applikatilha ghal post tal-*Housing* u inghatat residenza gewwa l-Furjana.

Mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk ghamlitx rapport mal-Pulizija Ezekuttiva hija wiegbet li fil-Milied tas-sena 2009 ommha u missierha marru jghixu maghha l-Furjana. Ghalkemm fil-bidu ma kienx hemm problemi bejniethom hija spejgat li kien inqala disgwid bejn missierha u Jeffrey, konsegwenza ta' liema l-imputat ma riedha ghal ebda raguni tkellem lil Jeffrey. Kien wara dan l-incident li l-genituri taghha rieduha tinzel tohqob il-Marsa kontra l-volonta` taghha. Hija spejgat li fil-perjodu tal-Milied fuq medda ta' gimgha l-imputati kienu wassluha bil-van ta' missierha tal-kulur abjad hames (5) darbiet fejn ix-xhud sahhqet li "*ommi geghlitni biex immur*[2]" u kull darba kien ikollha x'tqasam ma numru ta' irgiel. Ommha kienet toqghod tippassigga barra sabiex ix-xhud tghaddilha l-flus, li minnhom ma kienet izzomm xejn ghaliha filwaqt li missierha kien jistenniha fil-van. Di fatti kienet ommha stess li kienet twaqqaf il-

[1] A fol. 41 sa 78 tal-process – Xhieda inghatat tramite s-sistema audio visiva kontemporanja
[2] A fol. 51 tal-process

karozzi li kienu jkunu ghaddejjin minn hemm u tghidilhom, *"tmorru ma dik bit-twenty Euro (€20)*[3]*"*.

Mitoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk ix-xhud urietx lil ommha li hija kienet ser taghmel dan ix-xoghol kontra l-volonta` taghha hija spjegat kif ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (9:00pm) ommha kienet avvicinatha qaltilha, *"ejja ha mmorru l-Marsa ghax m'ghandhiex flus"* fejn hija qalet li, *"jien mort kontra qalbi"*. Di fatti hija stqarret li ghamlet id-dwejjaq u ghall-ewwel, *"ghidtilha ma rridx immur"* izda ommha qaltilha, *"le bilfors trid tmur*[4]*"* u marret mal-genituri taghha. Mat-triq l-imputata bdiet tghidilha, *"imxi normali"* sabiex il-komprtament taghha ma jigbidx l-attenzjoni tal-Pulizija kif ukoll qaltilha, *"issa kif tohrog minn gol-karozza bil-fors trid ittini l-flus"* fejn Madeline Cuschieri sahhqet, *"jien bdejt nibza dak il-hin*[5]*"*. F'okkazzjoni minnhom wara li kellha x'taqsam sesswalment ma hamest (5) irgiel, Jeffrey ra m'a ommha l-Marsa sejrin lura d-dar. Mistoqsija mill-Prosekuzzjoni x'kien qieghed jaghmel Jeffrey il-Marsa hija spjegat li l-prezenza tieghu kienet konnessa mal-fatt li ta' kull filghaxija huwa kien imur jixghel xemgha quddiem l-istatwa tal-Madonna peress li ghandu wedgha relatata ma kawza li huwa ghandu l-Qorti.

Sussegwentement Jeffrey kkonfrontha lil ommha fejn ir-residenza tax-xhud gewwa l-Furjana. Fi kliema stess ix-xhud tghid li Jeffrey qal lil ommha, *"Inti kellek il-guts li tnizzel lil bintek stess il-Marsa"* filwaqt li ommha wegbitu, *"mhux ser nigbidha minn xaghraha ghax ghandha l-eta` taghha"* u Jeffrey rribadixxa, *"inti anzi ghandek tghidilha ghal gid taghha mhux taqbad tnizzila int stess il-Marsa.*[6]*"* Hekk kif inqala dan il-battibekk ix-xhud spejgat li hija riedet tmur tkellem lil Jeffrey izda l-imputati ma hallewiex u bdew isawtuha fuq l-ghatba

[3] A fol. 52 tal-process
[4] A fol. 58 tal-process
[5] A fol. 59 tal-process
[6] A fol. 47 tal-process

tal-bieb tar-residenza taghha. Hija spjegat li ma rieduwiex tkellem lil Jeffrey ghax kienu jafu li ser tghidlu b'dak li kienet ghaddiet minnu u ggib lil imputati fl-inkwiet. Di fatti hija tghid li kkomunikat ma' Jeffrey permezz ta' *SMS* fejn qaltlu li l-genituri taghha kienu sejrin ghalih.

In segwitu ghal dan l-incident ix-xhud stqarret li Jeffrey ra lil genituri taghha hdejn ir-residenza tieghu u mar jaghamel rapport fil-konfront tal-imputati. Il-Pulizija Ezekuttiva mill-Ghassa tal-Hamrun baghtet ghal genituri taghha, imbghad ghaliha sabiex ikellmuha. Peress li hija kienet akkumpanjatha minn ommha hija bdiet tibza tkellem lil Pulizija. Bl-ghajnuna ta' Jeffrey li kienet tikkomunika mieghu permezz ta' *SMSes* u tas-*Social Worker* Tiziana, ix-xhud irnexxilha taghmel Rapport fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u marret tghix gewwa *shelter* f'Hal-Balzan ghal madwar gimgha jew gimghatejn. L-ghada li telqet mis-*shelter* il-Pulizija resquha l-Qorti fejn tatt gurament tat il-verzjoni taghha lil Magistrat u wara ghalkemm ftit imbezza irritornat lura fir-residenza taghha.

Hija spjegat li meta kellmet lil-Pulizija hija kellha tbengilha fuq in-naha tal-lemin tal-warrani u ghajr ghad-diskors li intqal minn certu Ann Marie, ex siehba ta' huha, fil-gurnata tas-seduta precizament qabel ma tat ix-xhieda taghha fejn qaltilha li meta tohrog mill-Qorti missierha ser isawwatha, ix-xhud ikkonfermat li l-agir da parti tal-imputati kif relatat mal-akkuzi in kwestjoni ma regghax irrepeta ruhu.

In kontro-ezami hija tikkonferma li l-ewwel darba li nizlet il-Marsa kienet meta haditha ommha u kellha x'taqsam ma hamest (5) irgiel. Mistoqsija kif sabitha daqshekk komda meta din kienet l-ewwel darba ghaliha hija sahhqet li ommha kienet geghlitha u ma kien hemm hadd biex jghinha. Fir-risposta ghad-domanda tad-Difiza dwar dak li kien jigri hekk kif titla fil-karozza mal-klijent hija stqarret li kien jinduna li kienet imdejqa u mhux komda izda xorta

wahda kien isehh l-att sesswali beniethom. L-att sesswali kien isehh fil-karozza izda f'lokalitajiet diversi li kienu jaghzlu l-klijenti stess. Hija tghid li l-klijent kien jigborha mill-Marsa u jerga' jirritorna lura l-Marsa.

Ix-xhud ikkonfermat li filwaqt li Jeffrey kien l-ex sieheb taghha, certu Stefano kien habib kbir taghha, izda Stefano u Jeffrey kellhom xi jghidu peress li Stefano kien jghir ghaliha u xtaqha tiggieled ma Jeffrey biex johrog maghha. Mistoqsija jekk filfatt Stefano kellu xi jghid ma Jeffrey peress li matul iz-zmien li kienet qieghda tohrog mieghu kienet qieghed tinzel il-Marsa ghal istess skop, hija spejgat li kienet tmur il-Marsa flimkien ma Jeffrey biex jixghelu xemgha quddiem il-Madonna u spjegat il-lok tal-istess statwa. Ghalkemm kienu jmorru kuljum hafna drabi kienu jmorru filghaxija ghajr ghal meta Jeffrey kien ikollu l-Qorti u kienu jmorru jixghelu x-xemgha matul il-gurnata.

Ix-xhud tispjega li trabbiet gewwa istitut konsegwenza ta' decizjoni li kienu hadu l-genituri taghha stess fejn hija ikkonfermat li kellha certu rabja versu omma u missierha minhabba dan il-fatt. Hija affermat li ma kentix l-ewwel darba li kien hemm proceduri ghaddejjin il-Qorti bejnha u bejn il-genituri taghha fejn sahhqet li missierha kien abbuzaha meta kienet zghira. Pero` ma kenitx f'pozizzjoni tghid jekk huwa kienx hareg liberat.

Ghad-domanda tad-difiza meta kienet l-ahhar darba li giet rikoverata gewwa l-Isptar Monte Karmeli hija tghid li kienu ommha u missierha li "*gabuni jien mignuna*[7]" konsegwenza ghal liema kienet inzammet hemm meta kellha sitt (6) snin.

**Madeline Cuschieri**, xehdet in kontro-ezami fit-28 ta' Novembru 2011[8] fejn mistoqsija jekk ghadx ghandha interess fil-proceduri odjerni

[7] A fol. 76 tal-process
[8] A fol. 183 sa 191 tal-process

in vista tal-fatt li l-akkuzi jirrigwardaw lil genituri taghha u jekk ghadiex issostni dak li xehdet precedentement hija wiegbet fin-negattiv izda sahhqet li hija ma xtaqet tvarja ebda parti mix-xhieda taghha. Hija ikkonfermat li f'dawn l-ahhar xhur ma kienx hemm kuntatt mal-genituri taghha u l-ahhar darba li kellmithom kien meta il-Pulizija kienu marru fir-residenza taghha precedenti il-Furjana u sabuhom hemm. Ix-xhud wiegbet fl-affermattiv ghad-domanda jekk ghadiex in kuntatt ma huha David fejn spjegat li kienet cemplitlu x-xahar ta qabel. Ghalkemm hija stqarret li kienet konsapevoli li David jghix mal-genituri taghha hija ikkonfermat li huha fl-ebda mument ma pprova jibghatilha messagg sabiex hija twaqqaf il-proceduri odjerni.

Madeline Cuschieri cahdet li hija qatt ghamlet ix-xoghol ta' prostituzzjoni f'okkazzjonijiet ohra ghajr ghal meta giet imgghela mill-genituri taghha. Ghalkemm ma ftakritx kemm il-darba marret il-Marsa matul dan iz-zmien ta' madwar xahar jew xahrejn, meta gie suggerit lilha mid-Difiza li hija marret xi sitta jew seba' darbiet, hija stqarret, "*xi haga hekk, imma ninix certa, certa hux*.[9]" Hija spjegat li jekk marret, drabi ohra, hija kienet flimkien mas-sieheb taghha fejn marru l-Marsa jieklu l-*KFC* u mhux ghal skop ta' prostituzzjoni.

Mistoqsija jekk tixtieqx terga' tibni relazzjoni mal-genituri taghha jew altrimenti tridhomx johorgu minn hajjitha kompletament hija spjegat li dan kien jiddependi mill-komportament taghhom lejha. Fir-rigward tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tal-genituri taghha, mistoqsija mid-Difiza jekk hija xtaqitx il-kawza fil-konfront tal-genituri taghha titkompla hija sahhqet li la fil-prezent u lanqas fil-futur ma xtaqet li l-kawza kontra l-imputati genituri taghha titkompla.

In re-ezami fis-16 ta' Mejju 2012[10] Madeline Cuschieri mistoqsija dwar persuna maskili li hija kienet semmiet fix-xhieda taghha, fejn irreferiet ghal ragel bl-isem ta' Stefano. Fir-rigward tad-dettalji dwaru hija qalet li huwa ghandu siehba kif ukoll zewgt itfal, huwa impjegat jew

[9] A fol. 188 tal-process
[10] A fol. 210 sa 214 tal-process

proprjetarju ta' hanut li jbiegh id-doghnuts f'Hal-Qormi stess, kif ukoll kellu van abjad u l-ahhar li ratu kien meta marret tkellem lil Ispettur Louise Calljea gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

**L-Ispettur Louise Calleja** xehdet fis-26 ta' Mejju 2010[11] fejn spjegat li hija tkellmet ma Madeline Cuschieri fil-11 ta' Marzu 2010 ghal habta tat-tlieta u nofs u hamsa ta wara nofsinhar (3:35pm) in segwitu ghal informazzjoni li hija irceviet fil-hdax ta' filghodu (11:00am) tal-istes jum mill-haddiema socjali fi hdan l-Agenzija Appogg, Tiziana Ferrel li informatha li Madeline Cuschieri riedet titkellem mal-Pulizija. Hekk kif giet mitkellma mix-xhud, Madeline Cuschieri allegat li l-genituri taghha u cioe' l-imputati kienu haduha f'diversi okkazzjonijiet il-Marsa sabiex tipprostitwixxi ruhha u tghaddilhom il-qliegh. Hija spjegat li kienet marret il-Marsa darbtejn zgur kemm fl-1 ta' Marzu kif ukoll fl-4 ta' Marzu 2010 fejn f'okkazzjoni minnhom kienet rat hames (5) klijenti filwaqt li f'okkazzjoni ohra kienet rat erba' (4) klijenti, izda ftakret li kienet marret ukoll xi granet ta' wara.

Madeline Cuschieri spjegat lix-xhud li kienet ommha stess li tatha l-istruzzjonijiet dwar x'ghandha taghmel fejn qaltilha, "*Issa trid toqghod hawnhekk ingib il-klijenti, tmur maghhom, taghmel is-sess maghhom, titlobhom il-flus, titlobhom twenty (€20) jew twenty five Ewro (€25) u kif ikollok il-flus u tigi lura trid ittihom lili.*[12]" Di fatti hija stqarret max-xhud li hekk kienet taghmel u kif tlesti minn mal-klijenti il-genituri taghha kienu jehduha lura fir-residenza taghha il-Furjana. Sahhqet ukoll mal-Ispettur Louise Calleja li kontracettivi ma kenitx tuza.L-Ispettur Louise Calleja spjegat li l-Istqarrija kif moghtija minn Madeline Cuschieri inghatat taht gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa, in segwitu ghal liema inhareg Mandat ta' Arrest fil-konfront tal-imputati.

Wara diversi tentattivi sabiex jipprovaw jintraccaw lill-imputati, ix-xhud spjegat li huma instabu fis-26 ta' April 2010 fejn wara li gew

[11] A fol. 82 sa 85 tal-process

[12] A fol. 83 tal-process

mitkellma u interrogati huma kkonfermaw li kienu nizlu l-Marsa izda nnegaw li kienu b'xi mod invoulti fil-prostituzzjoni ta' binthom. It-tnejn li huma sahhqu li kien l-ex sieheb ta' binthom certu Jeffrey li kien ha lil Madeline Cuschieri il-Marsa ghal prostituzzjoni.

Mitkellem Jeffrey fir-rigward ta' din l-allegazzjoni, huwa stqarr max-xhud li kien imur il-Marsa kuljum peress li kellu wedgha u kien jixghel xemgha lil Madonna. Din il-verzjoni giet ikkonfermata minn Madeline Cuschieri stess peress li kienet gieli akkumpanjatu l-Marsa meta kienu ghadhom johorgu flimkien, limitatament ghal dan il-ghan. Jeffrey spjega lix-xhud li Madeline Cuschieri kienet talbitu l-ghajnuna wara li kien ra l-Marsa flimkien mal-genituri taghha fejn hija kienet stqarret mieghu li ma reditx taghmel ix-xoghol ta' prostituzzjoni.

L-Ispettur Louise Calleja spjegat li in vista tal-Istqarria ta' Madeline Cuschieri moghtija kemm quddiemha kif ukoll guramenta quddiem il-Magistrat tal-Ghassa, il-Haddiema Socjali li sahhqu li l-verzjoni moghtija minnha kienet kredibli hafna, l-ispjegazzjoni moghtija minn Jeffrey ghalfejn kien jiffrekwenta l-inhawi tal-Marsa hija hasset li kellha tressaq lil Teresa Cuschieri u Alfred Azzopardi bl-akkuzi kif dedotti.

Ix-xhud ghamlet referenza ukoll ghal Istqarrija ta' Alfred Azzopardi[13] li ttiehdet fis-27 ta' April 2010 kif ukoll ghal Istqarrija ta' Teresa Cuschieri[14] li ttiehdet fis-27 ta' April 2010. Alfred Azzopardi inghata s-solita twissija u irrifjuta li jikkonsulta ma' Avukat. Hija gharfet il-firma ta' WPS209  Rachel Aquilina, PC1359 Reuben Zammit u il-firma taghha. Hija gharfet l-imputat li ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija. Teresa Cuschieri inghatat s-solita twissija u ghazlet li tikkonsulta ma 'Avukat. Gharfet il-firma ta' WPS209 Rachel Aquilina, PC1359 Reuben Zammit u il-firma taghha. Hija gharfet lill-imputata li ghazlet li ma tiffirmax l-istqarrija.

[13] Dok. 'LC5' – A fol .18 sa 20 tal-process.
[14] Dok. 'LC7' – A fol. 22 sa 26 tal-process.

L-Ispettur Louise Calleja regghat xehdet fis-6 ta' Frar 2013[15] fejnipprezentat sentenza moghtija fil-konfront ta' Alfred Azzopardi u Teresa Cuschieri fit-18 ta' Jannar 2005[16]. Kienet l-istess xhud li harget l-akkuzi fil-konfront tal-imputati.

**Tiziana Ferrel**, Haddiema Socjali fi hdan l-Agenzija Appogg xehdet fis-26 ta' Mejju 2010[17] fejn spjegat li kienet ilha ssegwi lil Madeline Cuschieri ghal madwar sena u tipprovdilha l-ghajnuna necessarja sabiex tintegra fis-socjeta` wara li hija lehqghet l-eta` maggorenni. Di fatti hija kienet tattendi ghal appuntamenti b'mod regolari fejn kienet tinghata l-ghanuna sabiex issib akkomodazzjoni alternattiva ghal istitut kif ukoll sabiex issib impjieg.

Hija qalet li qabel ma ghalqet l-eta` ta' tmintax (18)-il sena Madeline Cuschieri kienet segwita mis-servizz *Looked After Children* li jiehdu hsieb it-tfal residenti f'*homes* fejn kienet tirrisjedi. Ftit qabel ma inghatat post mill-*Housing*, hija ghamlet madwar sena tghix mal-familja tal-ex sieheb taghha. Matul dan iz-zmien ix-xhud dejjem sabet kollaborazzjoni da parti tal-familja ta' Jeffrey fejn sahanistra kienu ta' ghajnuna ghal Maedeline Cuschieri, tawha saqaf fuq rasha u anke ghinuha sabiex tfittex ix-xoghol.

Izda x-xhud spjegat kif f'daqqa wahda Madeline Cuschieri bdiet tnaqqas il-kuntatt maghha fejn ma bdietx tirrispondi ghat-telefonati u stqarret li, "*bdejt ninduna li kien qed jigri xi haga li mhix is-soltu*.[18]" Gimgha qabel ma rrikorriet ghand il-Pulizija, ix-xhud spjegat li cemplet lil Madeline Cuschieri l-Erbgha 5 ta' Marzu sabiex tigbor karta li hija kienet irceviet minghand is-Sigurta` Socjali nhar il-Gimgha. Madeline Cuschieri flimkien ma ommha marru l-Agenzija Appogg. Izda hekk kif ix-xhud uriet ix-xewqa li tkellem lil Madeline Cuschieri wahedha f'*councelling room*, tatha l-karta li kienet irceviet u

[15] A fol. 234 tal-process
[16] Dok. 'LC' – A fol. 238 tal-process
[17] A fol. 86 sa 93 tal-process.
[18] A fol 88 tal-process.

staqsietha kienx qieghed jigri xi haga hija ghal ewwel innegat pero` wara ftit insistenza stqarret maghha li xtaqet titkellem mal-Pulizija.

Madeline Cuschieri stqarret m\x-xhud li hija ma setghetx tmur min jedda ghand il-Pulizija ghax kienet kontinwament ikkontrollata mill-genituri taghha li kienu qeghdin jirrisjedu maghha. Hija spejgat li xtaqet titkellem mal-Pulizija peress li f'okkazzjoni wahda kienet giet imgghela mill-genituri taghha tmur il-Marsa tipprostitwixxi ruhha kif ukoll li kienet qieghda tigi sottoposta ghas-swat minn ommha kull darba li kien ikollha kuntatt mas-sieheb taghha Jeffrey. Mistoqsija jekk reditx li ccempel il-Pulizija, Madeline Cuschieri wiegbet fl-affermativ, liema affermazzjoni regghat giet ikkonfermata da parti taghha telefonikament t-Tnejn ta' wara.

Ghalkemm ix-xhud qalet li ma kenitx prezenti meta Madeline Cuschieri giet mitkellma mill-Pulizija fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija izda hija spjegat li kien hemm kuntatt telefoniku waqt li hija kienet prezenti meta sar ir-rapport ufficjali.

Ghal domanda tal-Proskuzzjoni, kemm il-darba Madeline Cuschieri qalet li nizlet il-Marsa u min zamm il-flus rezi mis-servizz sesswali, hija spjegat li hija  kienet stqarret maghha li din kienet okkazzjoni ta' darba fejn kienet marret ma' klijent wiehed izda ma dahlitx fid-dettal fir-rigward tal-flus. Pero` waqt ir-rapport ufficjali hija semmiet aktar minn okkazjoni wahda u izjed minn klijent wiehed u li l-flus kienet haditomlha ommha.

Ix-xhud spjegat li waqt ir-rapport ufficjali Madeline Cuschieri stqarret li kienet titwassal il-Marsa mil-genituri taghha bil-van ta' missierha. Filwaqt li missiehra kien joqghod jistenna fil-van, ommha kienet tinzel maghha mil-van u l-ewwel darba li marret il-Marsa kienet hi li qabditilha l-klijenti. Wara kull klijent ommha kienet tehodilha l-flus.

Mistoqsija dwar l-ex-sieheb ta' Madeline Cushcieri, ix-xhud spjegat li hija kellmet lil Jeffrey u sahhqet li dejjem sabet kollaborazzjoni da parti tieghu kif ukoll da parti ta' ommu fejn l-familja tieghu, "*dejjem*

*raw li jiehdu hsiebha*.[19]" Fir-rigward tal-kaz in kwestjoni, hija tghid li Jeffrey kien ghamel rapport mal-Pulizija peress li kien qieghed jigi mhedded mil-familja ta' Madeline Cushieri konsegwenza ta' liema huwa kien inkwetat hafna. Fil-gimgha ta' qabel Madeline Cuschieri marret tkellem lix-xhud gewwa l-Agenzija Appogg, hija spjegat li Jeffrey qalilha li huwa u ghaddej mill-Marsa ra lil Madeline u lil ommha ghaddejjin u issuspetta li kienu qeghdin hemmhekk ghal prostituzzjoni.

Ix-xhud gharfet lill-imputata Theresa Cuschieri izda ma gharfitx lil imputat Alfred Azzopardi.

**Ruth Calleja**, mit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika xehdet fis-26 ta' Mejju 2010[20] li Madeline Cuschieri giet referuta ghal assistenza mill-Haddiema Socjali Tiziana Ferell fejn spjegatilha li l-vittma kienet qieghda tigi sottoposta ghal vjolenza domestika u kontroll kontinwu da parti tal-genituri taghha kif ukoll li kienet qieghda tigi sforzata tmur il-Marsa ghal prostituzzjoni. In vista tal-fatt li l-genituri taghha kienu qeghdin jirrisjedu maghha hija kellha kuntatt limitat mal-Haddiem Socjali u ghalhekk gew informati mill-ewwel il-*Vice Squad*.

Ix-xhud spjegat li fit-8 ta' Marzu sar il-kuntatt mal-*Vice Squad*, huma bghatu ghal Madeline Cuschieri fit-9 ta' Marzu, izda hija ma xtaqetx taghmel rapport peress li kienet qieghda tibza li l-genituri taghha kienu ser jehdulha jew ikissrulha l-effetti personali taghha. Hija kienet ukoll qieghda tinkwiet li l-genituri taghha specjalment missierha li kien igorr sikkina mieghu seta' jwegga' lil Jeffrey. Madeline Cuschieri iddahlet gewwa Dar Merhba Bik izda hija xtaqet tirritorna lura fir-residenza taghha. L-ghada l-11 ta' Marzu 2010 hija giet mitkellma mix-xhud u ddecideit li taghmel rapport mal-Pulizija.

Mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk kenitx prezenti waqt ir-rapport li Madeline Cuschieri ghamlet mal-Pulizija, ix-xhud wiegbet fl-affermattiv u kkonfermat li fil-prezenza taghha waqt li qieghda

[19] A fol. 91 tal-process
[20] A fol. 94 sa 107 tal-process

tkellem lil Pulizija hija allegat li giet sfurzata mill-genituri taghha fil-prostituzzjoni u li l-flus haditomlha ommha. Ix-xhud spjegat li hija qatt ma kellmet lil Jeffrey izda kellmet lil Madeline darba flimkien mal-Haddiema Socjali gewwa Dar Merhba Bik. Gewwa Dar Merhba bik Madeline Cuschieri damet ftit granet biss u telqghet minn hemm hekk kif hija ghamlet ir-rapport mal-Pulizija. Lil genituri ta' Madeline Cuschieri hija qatt ma iltaqat maghhom u ma tafhomx.

In kontro-ezami, mistoqsija jekk irrizultax lix-xhud li Madeline Cuschieri giet rikoverata diversi drabi fil-passat gewwa l-Isptar Monte Carmeli minhabba problemi psikjatrici hija spjegat li l-kuntatt taghha ma Madeline Cuschieri kien wiehed limitat fejn hija ma pprovditx din l-informazzjoni lix-xhud izda spjegat li inghatat akkomodazzjoni alternattiva ghax kienet imbezza d-dar. Mistoqsija jekk saritx verifikazzjoni dwar il-veracita` ta l-allegazzjonijiet maghmula minn Madeline Cushcieri, ix-xhud stqarret li dan ma sarx.

Mistoqsija mid-difiza kif setghet Madeline Cuschieri tkun f'tant liberta` bejn Dicembru meta inghatat residenza mill-*Housing* u Marzu izda fl-istess hin thossha taht tant oppressjoni u kontroll mill-genituri taghha meta irrizulta li matul il-lejl ma kienux jorqdu fl-istess abitazzjoni u setghet mill-Furjana facilment tmur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija, ix-xhud spjegat li l-imputati kienu dahlu fir-residenza taghha, hadu pussess u ghamluha qisha taghhom filwaqt li zammew kontroll assolut fuq binthom. Hija spjegat li Madeline Cuschieri ma setghatx tohrog ghax il-genituri taghha il-hin kollu maghha u ghalkemm esploraw il-possibilita` li tmur taghmel rapport matul il-lejl, Madeline Cuschieri qalet, "*li ghandha biza li qed ikun hemm xi hadd isegwi l-passi taghha anke bil-lejl.*[21]"

Ruth Calleja, ghal-mistoqsija tad-Difiza jekk baqghatx in kuntatt ma' Madeline Cuschieri hija spjegat li ipprovat izzomm kuntatt maghha izda meta kienet icemplilha kienet jew ma tirrispondix jew issib il-

[21] A fol. 104 tal-process

*mobile* mitfi. Hija sahhqet li Madeline Cuschieri ma pprovatx taghmel kuntatt maghha.

Fir-rigward tal-allegazzjonijiet li saru da parti ta' Madeline Cuschieri fil-konfront tal-genituri taghha x-xhud stqarret li lill-imputati, "*Jien la qatt rajthom, jien qatt ma rajt,*[22]" izda fir-rigward ta' vjolenza hija spjegat li waqt li kienet qieghda taghmel rapport mal-Pulizija, "*kixfet tbeingilha zghira*"[23].

**WPC238 Monica Bartolo**, stazzjonata l-*Vice Squad* xehdet fit-26 ta' Mejju 2010[24] fejn spjegat li fil-11 ta' Marzu 2010 Madeliene Cuschieri kienet marret gewwa l-ufficcju taghha flimkien ma zewg Haddiema Socjali sabiex taghmel rapport fil-konfront tal-genituri taghha u cioe' l-imputati Alfred Azzopardi u Teresa Cuschieri fir-rigward ta' vjolenza, theddid fil-konfront tas-sieheb taghha Jeffrey kif ukoll li f'okkazzjoni wahda kienu haduha l-Marsa ghal prostituzzjoni.

Hija spjegat li saru diversi tentattivi sabiex jigi esegwit il-Mandat ta' Arrest, izda l-imputati ma setghux jinstabu. Finalment gew ikkunttajati fis-26 ta' April 2010 minn WPS209 Rachel u l-ghada gew il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Teresa Cuschieri tpoggiet taht arrestat u inghatat is-soliti drittijiet mill-Ispettur Louise Calleja fejn ghazlet li tikkonsulta ma' Avukat filwaqt li Alfred Azzopardi tpogga taht arrestat u inghata is-soliti drittijiet mix-xhud u PS1229 izda ma ezercitax id-dritt li jikkonsulta ma' Avukat. Ix-xhud ipprezentat certifikat tat-twelid ta' Madeliene Cuschieri[25] u gharfet liz-zewg imputati.

**Jeffrey Brincat** wara li gie imsiwwi mill-Qorti fil-11 ta' Ottubru 2010[26] li seta' ma jwegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh huwa ghazel li ma jixhidx.

[22] A fol. 106 tal-process
[23] A fol. 106 tal-process
[24] A fol. 108 sa 110 tal-process
[25] Dok. 'MB' – A fol. 111 tal-process
[26] A fol. 126 tal-process

**WPS Rachel Aquilina**, stazzjonata l-*Vice Squad* xehdet fit-22 ta' Novembru 2010[27] fejn giet murija zewg stqarrijiet[28]. Hija ikkonfermat li Teresa Cuschieri u Alfred Azzopardi irrilaxxjaw stqarrija fil-prezenza taghha, fis-27 ta' April 2010. Prezenti maghha kien hemm l-Ispettur Louise Calleja u PC1359 Reuben Zammit. Hija gharfet il-firma taghha u gharfet liz-zewg imputati.

**L-Ispettur Keith Arnaud**, stazzjonat *CID* xehed fit-12 ta' Jannar 2010[29] u pprezenta sentenza moghtija fil-konfront tal-imputata Teresa Cuschieri nhar is-6 ta' Novembru 2009[30] fejn spjega li huwa kien l-ufficjali prosekutur u investigattiv fil-kawza imsemmija.

**PS Antoine Cilia**, stazzjonat il-*Vice Squad* xehed fit-12 ta' Jannar 2010[31] fejn spjega li fis-27 ta' April 2010 huwa kien assista lil WPC238 Monica Bartolo fl-arrest ta' Alfred Azzopardi.

**PC1359 Reuben Zammit**, stazzjonat *Vice Squad* xehed fis-16 ta' Mejju 2012[32] fejn gie muri stqarrija ta' Alfred Azzopardi[33]. Huwa ikkonferma li Alfred Azzopardi irrilaxxja stqarrija fil-prezenza tieghu, fis-27 ta' April 2010 wara li inghata s-solita twissija. Prezenti mieghu kien hemm l-Ispettur Louise Calleja u PS209 Rachel Aquilina. Huwa gharaf il-firma taghhom kif ukoll tieghu. L-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija. Ix-xhud gharaf lil imputati.

L-istess xhud rega' ta x-xhieda tieghu fis-6 ta' Frar 2013[34] fejn ghal darb ohra' rega' gie muri l-istqarrija ta' Alfred Azzopardi[35] u ikkonferma dak li kien xehed fis-16 ta' Mejju 2012 izda fir-rigward tal-istqarrija ta' Teresa Cuschieri[36] huwa zied jghid li hija irrilaxxjat stqarrija fil-prezenza tieghu fis-27 ta' April 2010 wara li inghatat s-

[27] A fol. 130 sa 132 tal-process
[28] Dok. 'LC7' – A fol. 22 sa 26 tal-process; Fol. 18 sa 20 tal-process
[29] A fol. 140 sa 142 tal-process
[30] Dok. 'KA' – A fol. 143 sa 145 tal-process
[31] A fol. 146 sa 147 tal-process
[32] A fol. 205 sa 206 tal-process
[33] Dok. 'LC5' – A fol. 18 et seq tal-process
[34] A fol. 235 sa 237 tal-process; A fol. 239 sa 240 tal-process
[35] Dok. 'LC5'
[36] Dok. 'LC7'

solita twissija. Prezenti mieghu kien hemm l-Ispettur Louise Calleja u PS209 Rachel Aquilina. Huwa gharaf il-firma taghhom kif ukoll tieghu. L-Imputata ghazlet li ma tiffirmax l-istqarrija.

**WPC76 Sarah Spiteri**, stazzjonata l-Ghassa tal-Qawra xehdet fis-16 ta' Mejju 2012[37] fejn hija spjegat li kienet ix-xhud tar-ricevuta flimkien ma WPC238 Monica Bartolo fejn fis-27 ta' April 2010 ittiehed *mobile* tad-ditta *Vodafone* bil-batterija lill-Teresa Cuschieri. Ix-xhud gharfet lil imputata.

**John Muscat**, xehed fis-7 ta' Novembru 2012 fejn huwa pprezenta l-process verbal redatt minn dak iz-zmien il-Magistrat Dr Anthony Vella rigward l-allegat qliegh mill-prostituzzjoni tal-persuna ta' Madeline Cuschieri nhar il-11 ta' Marzu 2010[38].

**Oswald Balzan**, in rapprezentanza ta' *Mount Carmel Hospital* xehed fil-15 ta' Lulju 2015[39] fejn ipprezenta kopja fotostatika tal-*medical file* ta' Madeline Cuschieri[40].

L-imputat **Alfred Azzopardi** ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri fejn ta' x-xhieda tieghu fis-16 ta' Jannar 2018[41] u spjega li l-verzjoni moghtija minn Madeline Cuschieri kienet ferm differenti mill-verzjoni tal-imputati.

L-imputat spjega li bintu kienet riskontrata b'zewg problem fejn min-naha l-wahda kienet tilqa l-irgiel ghandha ghal prostituzzjoni fir-residenza taghha gewwa l-Furjana filwaqt li min-naha l-ohra kellha relazzjoni ma zewgt irgiel Stefano u Jeffrey. Stefano kien jirrisjedi maghha izda kellu siehba ohra.

Huwa stqarr li ghalkemm kemm hu kif ukoll l-imputata kienu jiddejjqu jaraw lil binthom tipprostitwixxi ruhha gewwa darha u ma

[37] A fol. 207 sa 209 tal-process.
[38] Dok. 'JM' – A fol. 228 tal-process (Ix-xhieda ta' John Muscat mhijiex traskritta izda tirrizulta mil-verbal tas-7 ta' Novembru 2012 – A fol. 227 tal-process).
[39] A fol. 257 sa 258 tal-process.
[40] Dok. 'OB'.
[41] A fol. 215 sa 235 tal-process.

kienux iheggugha taghmel dawn l-affarijiet huwa sahaq li ma setghux jikkmandawha peress li r-residenza ma kenitx taghhom u kienu maqtughin mir-rwol ta' genituri minhabba li Madeline Cuschieri kienet tinsab taht *Care Order*.

Fir-rigward tal-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu l-imputat cahad li huwa geghel lil Madeline Cuschieri tipprostitwixxi ruhha u li ghex fuq parti mill-qliegh tal-istess. F'dan ir-rigward huwa spjega li bintu gieli ghamlet ix-xirja u ma riditix li l-genituri taghha jhallsuha filwaqt li kien hemm drabi fejn ix-xirja ghamluha l-imputati. Dan l-istess arrangement kien isehh ukoll ghat-tisjir. Izda huwa sahaq li qatt ma talabha il-flus izda l-qliegh li kienet tiggenera mill-protituzzjoni kienet izzommu ghaliha u ghas-sieheb taghha. Huwa spjega li l-kwestjoni, konsegwenza ta' liema huwa sab ruhu akkuzat intortament tikkoncerna glieda bejn zewgt irgiel, f'liema argument huwa ma kienx involut.

In kontro-ezami meta gie suggerit lil-imputat li huma kienu nizzlu lil Madeline Cuschieri il-Marsa ghal prostituzzjoni, huwa cahad izda qal li f'okkazzjoni wahda kemm hu kif ukoll Teresa Cuschieri marru flimkien ma binthom il-Marsa peress li hija kienet qaltlu li jekk ried jiffranka xi haga mill-hajja kien hemm persuna bil-van li jbiegh il-haxix bl-irhis. Waqt li kienu il-Marsa waqaf ragel ikellem lil bintu. Suggerit mill-Prosekuzzjoni li kien hemm Teresa maghha dak il-hin, huwa stqarr li seta' kien hemm Teresa izda ma kellix x'taqsam ghax il-persuna marret tkellem lil bintu u mhux lis-siehba tieghu.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni dwar il-glieda li sehhet bejn iz-zewgt irgiel, huwa spjega li bintu kienet tohrog ma Jeffrey li minnu ghandha tifel, izda hija kienet telqitu u bdiet tohrog ma Stefan. Ghalkemm ma kienux ghadhom flimkien l-imputat qal li Jeffrey kien xorta wahda jmur fir-residenza taghha sabiex ittih il-flus. Pero` huwa qal li ma kienx cert minn dan il-fatt ghax meta Jeffrey kien jigi fir-residenza taghha kien idahhalha f'kamra u l-imputat ma kienx ikun jaf x'qieghed jigri bejniethom izda stqarr li ghal xi haga kien jigi. Fit-

twegiba ghad-domanda tal-prosekuzzjoni ghalfejn huwa ma ghamilx rapport mal-Pulizija f'dan ir-rigward, huwa spjega li bintu ma kenitx tisma min dak li kien jghidilha.

**David Azzopardi** xehed fis-16 ta' Jannar 2018[42] fejn huwa spjega li l-imputati huma l-genituri tieghu filwaqt li Madeline Cushcieri hija ohtu. Ix-xhud qal li huwa kien jghix ma ohtu fl-istess zmien li kienu jghixu fir-residenza taghha l-imputati, fejn stqarr li l-genituri tieghu qatt ma rahom igghelu lil Madeline Cuschieri tipprostitwixxi ruhha u wisq anqas qatt talbuha l-flus. Izda huwa spjega li ohtu kienet tghidlu hafna affarijiet fuq Jeffrey, fosthom li kien jehodha l-Gzira ghal prostituzzjoni.

In kontro-ezami mistoqsi jekk jiftakarx li kienu huwa stess li akkumpanja lil ohtu sabiex taghmel ir-rapport fil-konfront tal-genituri taghha li jirrigwardaw l-akkuzi in kwestjoni huwa wiegeb fl-affermattiv pero` sahaq li ghalkemm Madeline Cuschieri kienet qaltlu li l-genituri taghha kienu haduha l-Marsa ghal prostituzzjoni huwa qatt ma rahom jaghmlu xi haga hazina.

In re-ezami huwa qal li r-relazzjoni bejnu u bejn ohtu kienet u ghadha wahda tajba izda fir-rigward tar-relazzjoni mal-genituri, huwa stqarr li Madeline Cuschieri gieli kienet titkellem fil-posittiv fil-posittiv u gieli fin-negattiv fuq ommha u missierha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputati tirrileva li invista tal-gurisprudenza li evolviet dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istesss imputati, il-Qorti se tiskarta l-istess stqarrijiet[43].

[42] A fol. 230 sa 234 tal-process

[43] **Christopher Bartolo vs Avukat Generali deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, u**

Rilevat dan, il-Qorti tqis li abbazi tal-provi prodotti l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati. Id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha tattakka l-kredibilita' ta' Madeleine Cuschieri li tigi bint l-imputati. Filwaqt li huwa minnu li l-istess Madeleine Cuschieri ma xehditx ezatt fid-drabi li hija xehdet quddiem din il-Qorti u meta kkonfermat l-istqarrija taghha bil-gurament inkwantu ghal kemm intalbu jhallsu l-klijenti u d-drabi li tnizlet il-Marsa, mill-bqija l-versjonijiet li tat kienu koerenti. Hija dejjem sahqet u xehdet li kienet l-imputata li nsistiet li tinzel il-Marsa ghall-prostituzzjoni u li missierha l-imputat nizzilhom bil-vann tieghu. Kienet l-imputata li bdiet twaqqaf l-irgiel sabiex ikunu klijenti ta' bintha u inoltre' ftehmet maghhom dwar il-flus liema flus hija imbaghad hadithom minghand bintha. L-istess parte leza kienet tmur il-Marsa mal-genituri taghha kontra qalbha u huma kienu jafu b'dan. Kienu biss ftit id-drabi li sehh dan kollu ghaliex imbaghad il-parte leza fethet qalbha mas-social worker taghha u sari r-rapport. Inoltre' jigi wkoll rilevat li l-fatt li l-istess parte leza setghet qatt kienet xi darba rikoverata fl-isptar Monte Carmeli meta kienet zghira dan semmai ma jfissirx li hija mhiex xhud attendibbli izda anzi juri kemm setghet kienet persuna vulnerabbli f'idejn il-genituri taghha ossija l-imputati. Infatti hija hasset li kellha tmur ta' bilfors anki ghaliex kien hemm kemm theddid kif ukoll vjolenza fuqha.

Illi inkwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-artikolu 7 tal-Kapitolu 63 jiddisponi testwalment:

(1) "**Kull min, xjentement, ighix, ghal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra, jehel meta jinsab hati, il-piena tal-prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn**."

Illi imbaghad is-subartikolu 3 ta'l-istess artikolu tal-ligi jitkellem dwar ic-cirkostanzi li ghandhom jesistu sabiex persuna ghandha titqies li qed tghix minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni:

(3) **Persuna titqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tghix, ghal kollox, jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tghix jew soltu tkun ma' persuna li tezercita l-prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha hakma fuqha b'mod li juri li hija qieghda tghin, thajjar jew iggieghel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma' persuna jew ma' persuni ohra."**

Fil-kaz inkwistjoni u mill-provi prodotti ma jistax jitqies li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-imputati ghexu fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni. Dan billi ghalkemm irrizulta li l-parte leza giet imgeghla tmur aktar minn darba tipprostitwixxi ruhha izda rrizulta li dan sar f'medda ta' gimgha w ghalhekk ma jistax jinghad li l-imputati ghexu minn fuq il-prostituzzjoni.

Inkwantu ghat-tielet u hames imputazzjonijiet, bint l-imputati ddikjarat li hija kienet qeghda tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli w ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom billi l-procediment se jigi dikjarat ezawrit.

Abbazi tal-provi prodotti r-raba' imputazzjoni giet ukoll ippruvata.

L-imputata Teresa Cuschieri giet ukoll akkuzata li wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Fl-atti giet ezebita vera kopja fotistatika ta' sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Teresa Cuschieri** fis-6 ta' Novembru 2009. Il-konnotati jaqblu ma' dawk tal-imputata odjerna u fi kwalunkwe kaz l-ufficjal prosekutur f'dawk il-proceduri, l-Ispettur Keith Arnaud, ikkonferma l-identita'. Permezz ta' dik is-sentenza l-imputata kienet giet ikkundannata ghal sentejn prigunerija li gew sospizi ghal zmien erba' snin. Kwindi m'hemmx dubju li tali akkuza giet ukoll ippruvata.

**Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghdin jinstabu hatja l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tal-imputati u l-fatt li l-vittma f'dawn il-proceduri ddikjarat li ma xtaqitx li l-proceduri jitkomplew fil-konfront tal-genituri taghha. Fid-dawl ta' dan il-Qorti se tikkundanna lill-imputati ghal sentenza ta' prigunerija li se tkun sospiza. U inkwantu ghall-imputata l-Qorti se testendi t-terminu tas-sentenza li nghatat fil-konfront taghha fis-6 ta' Novembru 2009

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 205(a)(b) u 251(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata Teresa Cuschieri hatja tal-ewwel, tar-raba' imputazzjoni, tal-addebitu tar-recediva u ghalhekk qeghda tigi kkundannata ghal hmistax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin millum. L-imputata mhux qeghda tinstab hatja tat-tieni, it-tielet u hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u minnhom tilliberaha.

Billi l-imputata qeghda tinstab hatja wkoll li wettqet reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza migjuba fil-konfront taghha, b'applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta' subinciz 2 tal-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 testendi l-perjodu operattiv tas-sentejn prigunerija imposti bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-6 ta' Novembru 2009 ghal perjodu ta' erba' (4) snin millum.

Inkwantu ghall-imputat Alfred Azzopardi wara li rat l-artikoli 205(a)(b) u 251(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-istess imputat hati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk tikkundannah ghal hmistax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

qeghdin jigu sospizi ghal zmien tlett (3) snin millum. L-imputat mhux qieghed jinstab hati tat-tieni, it-tielet u hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Billi rrizulta mix-xhieda tal-parte leza li m'ghadx hemm il-htiega ta' Ordni ghat-Trazzin il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**